Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni u l-iżvilupp ġejjieni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-emissjonijiet minn vetturi ħfief u l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni (Euro 5 u 6)

(2008/C 182/08)

1. Din il-Komunikazzjoni tipprovdi sfond ta' informazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 715/2007 (Euro 5 u 6) u l-leġiżlazzjoni implimentattiva tiegħu. Dan ir-Regolament jiddefinixxi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ħfief fir-rigward ta' l-emissjonijiet u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni. Ir-rekwiżiti tekniċi jidħlu fis-seħħ f'żewġ stadji, b'limiti għal emissjoni Euro 5 li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2009 u limiti għal emissjonijiet Euro 6 mill-1 ta' Settembru 2014.

2. L-għan tal-Komunikazzjoni hu li jiġu ddefiniti l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' din il-leġiżlazzjoni. Ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu għandhom dispożizzjonijiet tekniċi ddettaljati meħtieġa biex jiġu implimentati r-rekwiżiti prinċipali. Madankollu, jeżistu għadd ta' oqsma fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li aktar reviżjoni ta' leġiżlazzjoni se tkun meħtieġa fil-ġejjieni.

3. Dan ir-Regolament attwali fih sett sħiħ ta' rekwiżiti meħtieġa għall-approvazzjoni ta' vetturi sottomessi għall-ispeċifikazzjoni inizjali Euro 5. Fil-ġejjien, il-Kummissjoni biħsiebha li tkompli tirfina r-rekwiżiti rilevanti li jridu jiġu applikati jew f'nofs il-proċess tal-Euro 5 jew inkella fl-istadju sħiħ tal-Euro 6. L-oqsma li għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni aktar approfondita huma diskussi f'din il-Komunikazzjoni.

Massa tal-partikuli u proċeduri ta' ttestjar għall-għadd ta' partikuli

4. Il-proċeduri riveduti tat-test biex titkejjel il-massa tal-partikuli u l-għadd tal-partikuli attwalment qed jiġu ffinalizzati biex jiġu inkorporati fir-Regolament UN/ECE Nru 83. Meta dawn il-proċeduri tat-test jiġu ffinalizzati se jinħtieġ li tiġi aġġornata kemm jista' jkun malajr il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tal-Euro 5 u 6.

Limiti għall-emissjoni ta' l-għadd ta' partikuli għal vetturi bl-ispark ignition

5. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jawtorizza lill-Kummissjoni li tintroduċi limiti għall-emissjoni ta' l-għadd ta' partikuli għal vetturi bil-petrol. Waqt l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni ġie deċiż li tinħtieġ informazzjoni addizzjonali dwar l-emissjonijiet ta' dawn il-vetturi qabel ma jiġi stabbilit l-istandard. Għalhekk, ebda valur limitu ma ġie ffissat għal vetturi Euro 5. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jitlob li valur limitu jiġi ffissat mhux aktar tard mill-istadju tal-Euro 6. Għalhekk, il-Kummissjoni biħsiebha tirrivedi l-emissjonijiet tal-partikuli ta' vetturi bi spark ignition u tipproponi limitu għall-għadd tal-partikuli għall-ispeċifikazzjoni ta' vetturi Euro 6 qabel id-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tal-Euro 6.

Fjuwils ta' referenza

6. Il-verżjoni inizjali tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni ma għandhiex speċifikazzjoni għall-fjuwil ta' referenza l-ethanol (E75) li għandu jintuża minn vetturi bi fjuwil flessibbli għat-test ta' l-emissjonijiet f'temperatura baxxa (it-test tat-tip 6). Il-Kummissjoni biħsiebha tiffinalizza dalwaqt l-ispeċifikazzjoni għall-fjuwil ta' referenza ta' l-ethanol (E75) għat-test ta' l-emissjonijiet f'temperatura baxxa. Dan il-proċess għandu jitlesta qabel id-dati ffissati fl-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, billi vetturi Euro 5 bi fjuwil flessibbli approvati wara dawn id-dati huma soġġetti għat-test f'temperatura baxxa għall-approvazzjoni tat-tip.

Test għall-emissjonijiet f'temperatura baxxa

7. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandu rekwiżit għall-Kummissjoni biex din tirrivedi l-limiti ta' l-emissjonijiet iffissati għall-karozzi bil-petrol bit-test f'temperatura baxxa ta' – 7 °C. Il-preokkupazzjoni hi li l-limiti ta' l-emissjonijiet attwali, meħudin mill-Euro 3 u 4, ma għadhomx adatti għal vetturi li jissodisfaw l-istandards ta' l-emissjonijiet tal-Euro 5 u 6.

8. Barra minn hekk, hu maħsub li jiġu riveduti r-rekwiżiti għall-manifatturi biex dawn jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet li japprovaw it-tip dwar il-vetturi diżil f'temperaturi baxxi. Dan hu minħabba r-riskju għoli ta' emissjonijiet NO_x f'temperaturi keħin minn vetturi diżil b'sistemi EGR u bi trattament li jsir wara tan-NO_x. Din ir-reviżjoni għandha tikkunsidra jekk għandu jiġi estiż it-test għall-emissjonijiet f'temperaturi baxxi għal vetturi Euro 6 u jekk għandux jiġi introdott valur limitu fil-ġejjieni.

Emissjonijiet b'evaporazzjoni

9. Minħabba l-introduzzjoni aktar mifruxa tal-bijofjuwils, il-Kummissjoni biħsiebha tirrivedi l-proċeduri tat-test għall-emissjonijiet b'evaporazzjoni. Din ir-reviżjoni għandha tikkunsidra jekk hemmx bżonn ta' armonizzazzjoni globali aktar kbira permezz ta' allinjament tal-proċedura tat-test Ewropew ma' dak użat fl-Istati Uniti. Jekk dan isir, trid tingħata konsiderazzjoni lill-introduzzjoni ta' esiġenzi ta' konformità fis-servizz jew lit-tul ta' żmien biex jiġu kkontrollati l-effetti ta' l-użu ta' fjuwils li għandhom l-ethanol fuq l-emissjonijiet b'evaporazzjoni.

Proċedura tat-test ta' emissjoni

10. L-emissjonijiet u l-konsum ta' fjuwil ta' vetturi ħfief jitkejlu bl-użu ta' proċedura ta' test ta' standardizzazzjoni, ibbażata fuq l-hekk imsejjaħ iċ-Ċiklu Ewropew Ġdid ta' Sewqan (NEDC). Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jitlob lill-Kummissjoni biex tirrivediha, u li jiġu proposti tibdiliet jekk il-proċeduri ma jkunux għadhom adegwati jew jirriflettu emissjonijiet mid-dinja reali. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proċedura tinħtieġ aġġornament, u għalhekk biħsiebha tirrivedi ċ-ċiklu tat-test sabiex dan jirrifletti b'mod adegwat l-emissjonijiet iġġenerati b'sewqan reali fit-triq. Din ir-reviżjoni tista' tikkontribwixxi għad-diskussjonijiet fl-UN/ECE sabiex jiġi żviluppat ċiklu ta' test globali u armonizzat għall-vetturi ħfief; madankollu, dan ma jiddipendix fuq il-progress magħmul fil-livell tal-UN/ECE. Tista' tiġi wkoll ikkunsidrata l-introduzzjoni ta' esiġenza għall-emissjonijiet barra ċ-ċiklu bl-għan li tkompli l-proċedura ta' test standardizzat.

Limiti għall-massa ta' referenza għall-vetturi ħfief

11. Il-leġiżlazzjoni Euro 5 u 6 introduċiet ambitu aktar ċar u sempliċi b'mod sinifikattiv bejn il-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet applikabbli għal vetturi ħfief u għal vetturi tqal. Il-leġiżlazzjoni hi attwalment ibbażata fuq il-massa ta' referenza, fejn il-vetturi kollha taħt l-2 690 kg jitqiesu bħala vetturi ħfief. Din il-massa ta' referenza hi bbażata fuq il-limiti attwali għat-test ta' l-emissjonijiet li jsir fil-laboratorju. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan il-limitu ta' massa jista' jkun baxx wisq u għandu jiġi rivedut. Minħabba l-massa attwali tal-vetturi, jista' jkun meħtieġ limitu għal massa ogħla ta' referenza fil-leġiżlazzjoni ġejjiena.

Standards ta' emissjonijiet indipendenti mill-massa

12. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jistipula li fil-limiti ta' emissjonijiet tal-futur, tingħata konsiderazzjoni sabiex jiġu introdotti standards ta' emissjonijiet indipendenti mill-massa. Dan hu l-avvicinament attwalment adottat mil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Uniti u għandu jwassal għat-tħassir tal-kategorija attwali ta' vetturi N_1, id-distinzjoni bejn Klassi I, II u III li żviluppat purament għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet u li reċentement kienet adottata għal-leġiżlazzjoni dwar l-arja kondizzjonata mhux imwaħħla b'mod fiss. F'dan l-istadju, avvicinament ta' din ix-xorta ta' massa indipendenti jidher li jista' jsir għal vetturi bil-petrol, minħabba n-natura tas-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet. Għal vetturi diżil, l-introduzzjoni ta' trattament li jsir wara għall-NO_x għandha tipprovdi kontroll akbar għall-emissjonijiet mis-silencer u tneħħi r-raġuni inizjali għala vetturi tqal għandhom ikollhom emissjonijiet aktar ikkontrollati. Qabel l-introduzzjoni ta' proposta ta' din ix-xorta, il-Kummissjoni għandha bżonn tirrivedi l-possibbiltà u l-effettività ta' l-ispiża għal dan it-tip ta' avvicinament.

Kalkolu ta' l-emissjonijiet CO_2 li jkopru l-gassijiet kollha li għandhom effett serra

13. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jistipula li l-Kummissjoni tikkunsidra li tirrivedi l-avvicinament biex jiġu kkalkulati l-emissjonijiet CO_2 minn vetturi biex jiġu inklużi gassijiet b'effett serra bħalma huma l-emissjonijiet mill-metanu. Bidla ta' din ix-xorta probabbilment se tħalli impatt żgħir ħafna fuq iċ-ċifri ta' l-emissjonijiet għal biċċa l-kbira tal-vetturi bil-petrol u bid-diżil, iżda din tista' tkun aktar sinifikanti għal vetturi bil-gass. Minħabba n-numru żgħir ta' vetturi koperti, bidla ta' din ix-xorta tista' ma tingħatax l-ogħla prijorità f'dan l-istadju. Il-Kummissjoni tista' għalhekk tirrivedi jekk hux xieraq avvicinament ibbażat fuq firxa aktar wiesgħa ta' gassijiet b'effett serra.

Rekwiżiti dwar id-durabilità — Fatturi ta' deterjorazzjoni għall-Karozzi Euro 6 Diżil

14. Il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tipprovdi biss fatturi assenjati ta' deterjorazzjoni għall-karozzi Euro 5 diżil. Ebda fatturi ma kienu ddefiniti għall-karozzi Euro 6 diżil minħabba l-inċertezza firrigward tal-karatteristiċi ta' durabilità tal-magni diżil tal-futur u s-sistemi tat-trattament ta' wara ta' l-egżost. Sabiex jiġu introdotti fatturi assenjati ta' deterjorazzjoni għall-karozzi Euro 6, il-Kummissjoni se jkollha bżonn tirrivedi d-durabilità tal-karozzi diżil li ssodisfaw il-limiti ta' emissjonijiet tal-Euro 6.

Approvazzjoni għall-bdil ta' l-istrumenti tal-kontroll tat-tniġġis

15. Il-Kummissjoni biħsiebha tirrivedi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni għall-bdil ta' l-istrumenti tal-kontroll tat-tniġġis biex tikkunsidra kemm ir-rekwiżiti riveduti ta' l-OBD kif ukoll l-introduzzjoni ta' strumenti ta' teknoloġiji ġodda għall-kontroll tat-tniġġis. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tad-durabilità għall-bdil ta' strumenti ta' riġenerazzjoni b'mod perjodiku jista' jinħtiġilhom li jiġu riveduti.

Dijanjożi fuq il-vettura (OBD)

16. Il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni ma għandha ebda limiti OBD għall-vetturi Euro 6, apparti limiti *interim* maħsuba għall-introduzzjoni bikrija tal-vetturi diżil Euro 6. Il-limiti sħaħ tal-Euro 6 jeħtiġilhom li jiġu kkonfermati mill-Kummissjoni qabel ma vetturi ta' din ix-xorta tingħatalhom approvazzjoni.

17. Proposta inizjali mill-Kummissjoni għal-limiti OBD tal-Euro 6 tinsab f'Tabella 1. Din it-tabella għandha limiti li l-Kummissjoni tikkunsidra li għandhom jiġu introdotti għall-vetturi Euro 6.

18. Dawn il-limiti OBD jirriflettu b'mod wiesa' l-limiti applikati għall-parti l-kbira tal-vetturi ħfief fl-Istati Uniti u l-Kanada, fejn il-maġġoranza tas-sistemi OBD tal-vetturi jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni elaborata mill-Californian Air Resources Board (CARB). Is-CARB jistabbilixxi limiti bħala fattur ta' multiplikazzjoni tal-valur limitu ta' l-emissjonijiet, billi japplika fatturi jew ta' 1,5 jew inkella ta' 1,75. Iċ-ċifri f'Tabella 1 ttieħdu abbażi ta' dan, madankollu fattur 2 ogħla ġie applikat għal limiti tal-partikuli, biex jirrifletti l-konċentrazzjonijiet baxxi fl-emissjonijiet ta' l-egżost. Iċ-CARB attwalment qed jippermetti limiti OBD eħfef għall-karozzi diżil sa l-aħħar ta' l-2012. Il-limiti ta' l-Euro 6 għandhom jidħlu fis-seħħ madwar sentejn wara dan.

19. L-industrija ppreżentat proposti għal-limiti OBD fl-istadju ta' l-Euro 6 li jeċċedu l-valuri limitu b'fatturi bejn 1,9 sa 5,5 għall-vetturi bil-petrol u bejn 2,6 sa 5,5 għall-vetturi diżil.

20. Il-Kummissjoni tikkunsidra li sa l-istadju tal-Euro 6 tal-limiti ta' emissjonijiet, hemm ftit raġuni għal rekwiżiti OBD Ewropej biex dawn ikunu b'mod sinifikattiv differenti mir-rekwiżiti fl-Amerika ta' Fuq. B'mod partikolari, mifhumin tajjeb il-prinċipji ta' dijanjożi għall-karozzi bil-petrol, billi dawn kienu żviluppat fl-Istati Uniti, għalhekk huma jistgħu faċilment jiġu introdotti fl-UE. Barra minn hekk, xogħol magħmul minn konsulent li rriveda l-limiti OBD jissuġġerixxi li l-benefiċċji ambjentali u l-effettività ta' l-ispiża għal-limiti OBD aktar baxxi għall-petrol kienu tajbin.

21. Il-Kummissjoni hi konxja li l-limiti għall-vetturi diżil jinforzaw it-teknoloġija, partikolarment fir-rigward tal-partikuli. Limiti ta' din ix-xorta meqjusin neċessarji minħabba x-xewqa li jinstabu difetti parzjali fi strumenti li jintużaw wara t-trattament bħalma huma l-filters tal-partikuli, li jistgħu jitbagħbsu jekk ibblokkjati. Barra minn hekk, dijanjosijiet tajba għad-diżil huma essenzjali għall-kompetittività fit-tuq tat-teknoloġija diżil f'partijiet oħra tad-dinja. L-adozzjoni tal-limiti OBD tal-Euro 6 għandhom għalhekk jappoġġaw il-kompetittività futura tat-teknoloġija diżil.

22. Ir-reviżjoni tal-Kummissjoni dwar jekk jistax jiġu attwati l-limiti OBD tal-Euro 6 għandha tiffoka fuq jekk it-teknoloġija tistax tattwa l-limiti proposti għal vetturi b'compression ignition u l-limiti OBD tal-partikuli għal vetturi b'positive ignition. Din ir-reviżjoni għandha tikkunsidra l-istat ta' żvilupp ta' teknoloġija ġdida dwar is-sensors ta' l-egżost, tali sensors għall-materjal ta' partikuli u frak żgħir u anke għall-iżvilupp ta' tekniki għal preżenza ta' pressjoni u mudelli li jipprevedu x'livelli ta' nugrufun jifilħu l-filters tal-partikuli.

23. Barra minn hekk, il-Kummissjoni biħsiebha tirrevedi jekk hemmx bżonn li l-livelli OBD kemm għall-massa tal-partikuli kif ukoll għall-għadd ta' partikuli għandhomx japplikaw fl-istadju tal-Euro 6. F'dan l-istadju hu diffiċli li jingħad jekk il-livelli għall-għadd ta' partikuli jistax teknoloġikament jiġu attwati.

24. Il-Kummissjoni biħsiebha li r-reviżjoni tal-limiti OBD għandha ssir qabel l-1 ta' Settembru 2010.

25. Flimkien mal-livelli OBD, il-Kummissjoni biħsiebha tikkunsidra t-tħaddim tar-rekwiżiti ta' l-OBD fil-proporzjon tal-prestazzjoni użata. Dan jinkludi l-pubblikazzjoni ta' linji gwida, fejn jidher li jkun hemm bżonn, u b'mod partikolari:

— għall-inkrementar u d-diżabbiltar tad-denominatur ġenerali kemm tan-numeraturi u d-denominaturi ta' monitors individwali; kif ukoll

— għat-testijiet statistiċi li għandhom jintużaw mill-manifatturi biex juru konformità mar-rekwiżiti għall-prestazzjoni użata.

26. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll li tintroduċi r-rekwiżiti għall-ikklassifikar tat-tħaddim ħażin b'OBD Armonizzati għad-Dinja mill-applikazzjoni mandatorja tal-valuri limitu tal-Euro 6.

Tabella

Limiti proposti għall-OBD Euro 6

		Massa tar-referenza (RW) (kg)	Massa ta' monossidu tal-karbinju		Massa ta' idrokarbonji mhux tal-metanu		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu		Massa ta' partikuli		Ġhadd ta' partikuli	
			(CO) (mg/km)		(NMHC) (mg/km)		(NOx) (mg/km)		(PM) (mg/km)		(P) (#/km)	
Kategorija	Klassi		PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI (1)	CI	PI (2)	CI
M	—	Kollha	1 500	750	100	140	90	140	9	9		$1,2 \times 10^{12}$
N_1	I	RW ≤ 1305	1 500	750	100	140	90	140	9	9		$1,2 \times 10^{12}$
	II	1305 < RW ≤ 1760	2 700	940	130	140	110	180	9	9		$1,2 \times 10^{12}$
	III	1760 < RW	3 400	1100	160	140	120	220	9	9		$1,2 \times 10^{12}$
N_2	-	Kollha	3 400	1100	160	140	120	220	9	9		$1,2 \times 10^{12}$

Legenda: PI = Positive Ignition, CI = Compression Ignition.
(1) L-istandards għall-massa tal-partikuli tal-positive ignition japplikaw biss għall-vetturi b'magni li għandhom injezzjoni diretta.
(2) x 2 limitu li għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi stabbilit il-limitu ta' l-emissjoni.